# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 188**

**Rikors numru 241/21/1 RGM**

**Doris Cilia mart Joseph Cilia; Rita mart Joseph Herrera; Emanuela magħrufa bħala Lily Callus; Carmel magħruf bħala Charles Fenech; Bartholomew magħruf bħala Robert Fenech; Maria Desira mart Emanuel Desira; Paula Fenech; u Raymond Fenech**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u Anthony Micallef**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-Avukat tal-Istat mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fit-30 ta' Jannar, 2024 fir-

rigward ta' dik il-parti mis-sitt kap tas-sentenza li ikkundannatu jħallas kumpens mhux pekunjarju ta' tmint elef ewro (€8,000).

2. Il-kawża hi dwar il-kirja ta' ħanut fl-Imsida, mikri lill-intimat Micallef u protetta bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69. Bis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti sabet ksur tal-jedd fundamentali protett bl-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea b'mod partikolari minħabba l-Artikoli 3 u 12 tal-istess u minħabba l-Artikolu 1531I tal-Kodiċi Ċivili. Iddeċidiet ukoll li l-intimat Micallef m'għandux jibqa' jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili u l-Kap. 69, u ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas kumpens pekunjarju ta' tnejn u sittin elf ewro (€62,000). Ir-rikorrenti ('appellati'), bl-eċċezzjoni ta' Paula Fenech, huma kollha werrieta tal-ġenituri Salvatore Fenech (miet fl-4 ta' Jannar 2014 skont id-dikjarazzjoni *causa mortis* li ippreżentaw l-istess rikorrenti li saret fil-15 ta' Ġunju 2015) u Carmela Fenech (mietet fil-15 ta' Ottubru 2011), f'sehem ta' $^{1}/_{8}$ kull wieħed. Ir-rikorrenti Paula Fenech hi werrieta ta' żewġha Michael Fenech li miet fl-10 ta' Frar 2017, iben Salvatore u Carmela Fenech.

3. Fl-appell li l-Avukat tal-Istat ippreżenta fl-1 ta' Frar 2024 argumenta li s-somma ta' €8,000 kumpens mhux pekunjarju hu eċċessiv. Spjega li l-kumpens mhux pekunjarju jiġi rifless mill-wirt li f'dan il-każ okkorra fis-

sena 2011 għal nofs indiviż u fis-sena 2017 għan-nofs l-ieħor. Ir-rikorrenti fetħu l-kawża fl-20 ta' April, 2021. L-Avukat tal-Istat kompla li l-Ewwel Qorti akkordat kumpens mhux pekunjarju f'somma ta' iktar minn €800 fis-sena għall-perjodu mill-2011 sal-2021, u dan minkejja li r-rikorrenti kienu sidien biss ta' nofs indiviż mis-sena 2011 sas-sena 2017.

4. Fit-8 ta' Mejju 2024 wieġbu r-rikorrenti u taw ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2025 id-difensur tal-attur ta ruħu notifikat bl-avviż tas-smigħ għall-intimat Micallef. F'dik is-seduta id-difensuri tal-partijiet kollha iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu u l-appell jista' jibqa' differit għas-sentenza.

5. Il-parti rilevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> *"53. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali 'il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritix. Dak hu personali għall-persuna li tkun batiet dik it-tbatija'. F'dan il-każ ir-rikorrenti wirtu nofs indiviż tal-ħanut fl-2011 filwaqt li nofs indiviż l-ieħor wirtuh fis-sena 2017. Il-Qorti għalhekk qiegħda tillikwida d-danni non pekunjarji fis-somma ta' tmint elef euro (€8,000)".*

6. Għall-finijiet ta' kumpens mhux pekunjarju, il-perjodu rilevanti hu mill-4 ta' Jannar 2014, data tal-mewt ta' Salvatore Fenech.[1] Għalkemm

[1] Skont id-dikjarazzjoni *causa mortis*, minkejja li r-rikorrenti Maria Dolores *sive* Doris Cilia xehdet li miet fis-sena 2017 (fol. 7).

martu Carmela mietet fil-15 ta' Ottubru, 2011 fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret fit-2 ta' Lulju 2013, ir-rikorrenti iddikjaraw li Salvatore Fenech kellu l-użu u l-użufrutt tal-ġid kollu li kien hemm fil-wirt ta' martu. Għalhekk diment li baqa' ħaj Salvatore Fenech, hu biss kellu l-jedd għall-kera tal-ħanut. Din il-Qorti kemm-il darba qalet li l-kumpens mhux pekunjarju ma jintiritx. Għalhekk il-jedd tar-rikorrenti għall-kumpens mhux pekunjarju hu mid-data tal-mewt ta' Salvatore Fenech (4 ta' Jannar 2014) u fil-każ tar-rikorrenti Paula Fenech mill-10 ta' Frar 2017 (data tal-mewt ta' żewġha Michael Fenech).

7. Meta tikkunsidra l-iktar ġurisprudenza riċenti ta' din il-Qorti; il-perjodu li għalih ir-rikorrenti huma intitolati għall-kumpens mhux pekunjarju;[2] li l-kera tinqasam bejn tmienja min-nies; u li r-rikorrenti għażlu li jiftħu l-kawża biss fl-20 ta' April 2021, il-Qorti tqis li s-somma ta' €8,000 kumpens mhux pekunjarju hu eċċessiv. Għalhekk ser tnaqqas il-kumpens mhux pekunjarju minn €8,000 għal €2,500.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-kumpens mhux pekunjarju minn tmint elef ewro (€8,000) għal

[2] Ara tabella li hemm f'paragrafu 50 tas-sentenza appellata bl-istima tal-valur lokatizju u l-kera imħallsa għall-perjodu rilevanti kif ukoll paragrafu 51 għal dak li hu tnaqqis ta' persentaġġi li għamlet l-ewwel qorti.

elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), somma li għandu jħallas l-Avukat tal-Istat.

Spejjeż tal-appell a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da